MINUTI

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

LAQGĦA NUMRU TNEJN U TLETIN

19 ta' Novembru, 2014

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Vincent Marmara, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.

SKUŻAT

Il-Kunsillier Dr Claudio Zammit informa li minħabba x-xogħol tiegħu ma setgħax jattendi għas-seduta tal-lum. **Dok 1.** mehmuż.

Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita' ma attendiex.

UFFIĊĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

32.1 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

32.1.1 Fir-rigward ta' punt 31.12.1, il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa lis-Sindku fuq jekk kellux tweġiba minn Transport Malta fuq it-twessieh ta' Vjal ix-

Xarolla. Is-Sindku qallu li minħabba li s-seduta tal-lum saret ġimgħa qabel iż-żmien ma laħaqx ġab tweġiba. Hu informa li sa seduta oħra jkollu kollox f'idejh.

31.1.2 Il-minuti ta' seduta 31 ġew approvati.

### *32.2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Bubaqra u tas-Sotto Kumitati Kultura u Turiżmu u Anzjani*

32.2.1 Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ma ġewx imressqa minħabba li s-seduta ser tinżamm nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru, 2015.

32.2.2 Il-minuti tas-seduti tas-sotto kumitati imsemmija ġew approvati.

### 32.3 *Approvazzjoni tal-Minuti Gal Xlokk u Reġjun Nofsinhar*

32.3.1 Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numru 51.

### *32.4 Komunikazzjoni mis-Sindku*

32.4.1 Is-Sindku qal li t-Tlieta 18 ta' Novembru, 2014, ingħataw 'l fuq minn 800 injection kontra l-influenza. Tali injections kellu jmur iġibhom hu stess mill-klinika tal-Furjana.

Il-Viċi Sindku Rita Grima, ssuġġeriet li l-Kunsill jagħti rikonoxximent lit-tliet persuni li volontarjament taw is-servizz tagħhom fit-titqima kontra l-influenza. Hi qalet li s-sena li għaddiet kienet hi stess li tathom rikonoxximent żgħir. Il-persuni li taw l-għajnuna kienu s-Sinjuri Erwin France Darmanin, Mary Rose Scalpello u Mary Sammut. Issuġġeriet ukoll li lis-Sur Erwin Frace Darmanin, il-Kunsill iħallsu tal-fuel, għax din il-persuna barra li għinnet fit-tilqima waqt l-attivita', ser tagħmel tliet t'ijiem iddur fiż-Żurrieq biex tagħti t-tilqima fid-djar lil dawk il-persuni li ma joħorġux.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

32.4.2 Is-Sindku qal li bis-saħħa tal-organizzazjoni LEAP u l-Ministeru tas-Sigurta' Soċjali qed isir xogħol ta' manutenzjoni f'Dar Mattia Preti. Dan qed isir kollu bla ħlas.

32.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ kwotazzjonijiet ta' kalanderjji tas-sena 2015, mingħand il-kuntratturi li ħadu s-servizz tal-printing.
TIK Communications – 1535Eur exc Vat
Union print – 1387Euro exc Vat

Kien hemm qbil li l-kalenderji jiġu ordnati mmedjatament mingħand Union Print.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-materjal ġie mgħoti mis-Sur Joseph Sammut (tal-Mużew) u għalhekk fuq il-kalendarju għanu jiġi imsemmi.

32.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment minn resident fi Triq G M Callus li qed jaqleb l-ilma tax-xita fil-basement tagħha. Trid li jsir xi ħaġa biex jonqos l-inkonvenjent.

Kien hemm qbil li tali triq ilha 3 snin li saret u qatt ma kien hemm ilmenti. Din it-triq ġiet approvata mill-Perit tal-Kunsill u saret skond il-livelli tal-MEPA u għalhekk il-Kunsill ma qablix li ssir xi alterazzjoni fit-triq.

F'dan il-ħin daħlu għas-seduta l-Kunsilliera Vincent Marmara u Raymond Grixti (ħin 18:40)

32.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment li rċeviet li fuq il-Munqar hemm ħofra perikoluża. Ritratt mehmuż **dok 2.** Hi nfurmat lill-Kunsill li marret fuq il-post flimkien mal-Perit u ġie ssuġġeriet li jew titpoġġa ġebla kbira fil-ħofra (imma din tista tkun ta' periklu li taqgħa b'kollox) jew li titkisser il-parti ta' barra tal-irdum biex il-ħofra tkun parti mix-xifer ta' barra tal-blat.

Ma kienx hemm qbil fuq iż-żewġ propost tal-perit u ġie ssuġġerit li l-Kunsill jitlob linja gwida minn Heritage Malta.

32.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li x-xogħol fuq bdil ta' wiċċ tal-bankina kollha madwar Misraħ Repubblika biex ma tiġiex tiżloq jaqbeż l-ammont li jista joħroġ il-Kunsill permess ta' Direct order.
Kien hemm qbil li x-xogħol meħtieġ jinqasam f'żewġ perjodu, anke minħabba l-fatt li s-sena waslet biex tispiċċa. L-ewwel issir il-parti ta' fejn jiżloq ħafna man-naħa tal-Każini u sena oħra ssir il-parti l-oħra f'budget ieħor. Kien hemm qbil li x-xogħol tagħmlu l-kumpanija li għamlet il-proġett tal-pjazza snin ilu – Silvar Construction and Services Ltd.

32.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment minn residenti fi Vjal ix-Xarolla li qed tisfronda t-triq. Hi nfurmat li talbet l-opinjoni tal-Perit u l-Perit qal li hemm bżonn li tinfetah id-dawra tat-tappiera li hemm fil-post u jsir saqaf tal-konkos biex it-triq ma tibqax tisfronda.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna r-riżultat li ser joħroġ minn Transport Malta fuq it-twessieh tal-vjal u wara jerġa jiddiskuti l-każ.

32.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fuq Memo 27/2014 – Skema fuq inizjattivi kulturali, l-Kunsill applika għal 4 attivitajiet li huma – Attivita' fil-Milied –Kunċert ta' Għaqda u Paċi fid-19 ta' Diċembru, 2014, Festa Ħut – 24 ta' Mejju, 2015 u żewġ attivitajiet oħra f'isem il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li huma - L-artiġjanar fiż-Żurrieq (18 t'April, 2015) u Tieġ Tradizzjonali Malti (9 ta' Mejju 2015).

F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Dino Bonnici (ħin 19:00)

### *32.5 Zurrieq Half Marathon – Kienu preżenti rappreżenati miż-Żurrieq Wolves*

32.5.1 Is-Sindku laqa' lir-rappreżentanti taż-Żurrieq Wolves li kienu mistiedna għas-seduta li kienu s-Sinjuri Wilfred Sammut President, Clifton Caruana Teżorier, Reno Sacco Chairman, Pawlu Camilleri Vici President, John Darmanin f'isem l-Iscouts.

Is-Sur Clifton Caruana rringrazzja u faħħal lill-Kunsill u b'mod speċjali lill-Kunsillier Dino Bonnici li dejjem ta l-għajnuna tiegħu fl-attivita' tal-Half Marathon li ssir f'Novembru. Hu qal li bażikament għall-Half Marathon ta' din is-sena pparteċipaw 'l fuq minn 800 persuna u l-misraħ taż-Żurrieq kien imballat b'nies minn barra mir-raħal. Dawn kellhom kliem ta' tifħir lejn iż-Żurrieq u lejn ir-rotta li kellhom. Is-Sur Caruana semma l-inċident li inqala din is-sena fuq il-permessi tal-pulizija li ġew mitluba jum biss qabel l-attivita'.

F'Dan il-punt is-Sindku ntervjena u qal li għalkemm hu ma ridx jidħol responsabbli għan-nuqqas li għamel s-Sur Mauro Pace Parascandalo li kellu jieħu ħsieb il-permessi meħtieġa mill-pulizija, hu ħassu responsabbli li l-attivita' ma kellix titħassar. Hu żied jgħid li kien bis-saħħa tiegħu li ġab il-permessi meħtieġa minħabba li tkellem mal-ispettur taż-Żurrieq u anke mal-Kummissarju tal-Pulizija u ma persuna mill-OPM, wara li tkellem anke mal-Kunsillier Dino Bonnici biex l-attivita' tittella, għax il-permess huma impossibli li jsiru f'qasir żmien. Hu qal illi kieku ma sarx li sar minnu u mill-Kunsill, din l-attivita' ma kinetx issir. Hu żied jgħid li għal maratoni

oħra jesiġi li jkun hemm aktar ftehim fuq il-proċess tal-attivita' kollha.

Is-Sur Reno Sacco qal li jiddeplora kif mexa s-Sur Mauro Pace Parascandalo għax bli għamel deher ikrah il-klabb.

Is-Sinjuri Clifton Caruana u Pawlu Camilleri qalu li s-Sur Mauro Pace Parascandalo hi persuna volontarja fil-Klabb u tat u għadha qed tagħti ħafna lil Klabb, bix-xogħol li tagħmel u bl-isponsors li ġġib. Is-Sur Pawlu Camilleri qal li Mauro Pace Parascandalo kellu każ personali ma' membru tal-Malta Marathon Committee u dan il-każ tefgħu xi ftit lura. Huma qablu li lill-Mauro Pace Parascandalo ma jistgħux inaħħulu l-mertu ta' dak li jgħamel.

Is-Sur Clifton Caruana qal li kieku ma kienux l-Malta Marathon Committe, kieku ma kienx ikun hemm ammont kbir ta' parteċipanti, imma fl-istess waqt il-MMC jieħdu 90% tal-ammont li jħallsu l-istess parteċipanti biex jifdu l-ispejjeż ta' 47 warden, pulizija, timechecking u affarijiet oħra. Hu qal li ż-Żurrieq Wolves trid tibda taħdem aktar professjonali u ma tistax tibbaża attivita' bħal din fuq persuna waħda, u għalhekk talab aktar għajnuna mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fehem u jibqa jifhem il-pożizzjoni taż-Żurrieq Wolves u kien għalhekk li kellu diversi laqgħat magħhom fil-passat u qabel il-maratona ta' din is-sena. Hu nforma li kien hu li pporpona li l-Kunsill joħroġ għal spejjeż ta' 1,500Euro fuq din il-maratona u l-Kunsill qabel unanimament. Żied jgħid li l-Kunsill qed jipparteċipa ukoll permess tar-riżorsi umani tiegħu billi skrivana fil-Kunsill taħdem madwar siegħa kuljum sa minn xahar qabel il-maratona fuq din l-attivita' u li l-Kunsill diġa applika għall-fondi fuq il-maratona li ser issir fis-sena 2015, u tħalliet persuna biex tiftaħ l-uffiċċju tal-Kunsill sa mis-6.15 ta' fil-għodu fil-ġurnata tal-avveniment. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-uniku nuqqas li ra kien li l-logo tal-Kunsill ma kienx espost biżżejjed fl-attivita', u li għall-konferenza li saret ħadd mill-Kunsill ma kien mistieden.

Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia qal li matul il-maratona kien hemm parteċipanti li intilfu fir-rotta u kien hemm nuqqas ta' toilets, skips u boroż tal-iskart. Hu qal li kkuntatja lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex ġie jnaddaf immeddjatament wara l-attivita' għaliex filgħaxija kien hemm attivita' oħra tal-knisja.

Kien hemm qbil li għall-attivita' tas-sena li jmsiss jkun hemm iżjed komunikazzjoni bejn il-Kunsill u ż-Żurrieq Wolves u jiġu rranġati l-punti

imressqa.

### 32.6 *Tender – Water fountain in Misraħ Mattia Preti*

32.6.1 Kien hemm offerent wieħed meta infetħu t-tender li hu Andrew Vassallo u t-total tax-xogħol inkluż il-Vat hu ta' 26,551Euro.

Kien hemm qbil li x-xogħol jieħdu Andrew Vassallo u li x-xogħol jibda fl-immedjat.

### 32.7 *Kuntratt fuq il-Berġa tas-Saħħa fiż-Żurrieq*

32.7.1 Is-Sindku qal li fl-10 ta' Novembru, 2014 iffirma ftehim bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Kura Primarja tas-Saħħa. Dan jikkonsisti fuq fid-devoluzzjoni tal-bereġ tas-saħħa lill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ser ikun inkarigat li jieħu ħsieb l-up-keep u maintenance tal-Berġa u l-ħlas tad-dawl u l-ilma, filwaqt li d-Dipartiment tas-Saħħa ser jieħu ħsieb: ir-riżosi umani, għajnuna finanzjarja fir-refurbishment tal-post, il-kirja tal-post li tammonta għal 1,048.22 Euro u kull promozzjoni u edukazzjoni. **Dok 3** Mehmuż.

Kien hemm qbil fuq dan.

### 32.8 *Attivitajiet tal-Milied*

32.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier Joseph D'Amato qed jaħdem fuq attivita' għal-żmien il-milied li tinkludi kunċert mill-orkestra tal-Kunsill. Din l-attivita' ser terġa issir fis-sala tal-iskola primarja u ser tkun nhar id-19 ta' Diċembru, 2014, mis-19:30 'l quddiem. Hu talab li jkun hemm aktar parteċipazzjoni mill-Kunsilliera.

32.8.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill isebbaħ il-gallarija tal-Kunsill għal żmien il-Milied u talab lill-Kunsillier Kevin Sam Farrugia jieħu ħsieb it-tiżjien. Kien hemm qbil fuq dan.

32.8.3 Is-Sindku qal li hu flimkien tal-Viċi Sindku kellhom laqgħa mal-President ta' Malta fejn intalbu li jgħatu l-għajnuna tagħhom u tal-Kunsill fil-ġbir ta' fondi għall-Community Chest fund. Il-Viċi Sindku qalet li ġabet kotba 'Tisjir bil-qalb' biex jinbgħihu f'isem il-Community Chest fund. Dawn il-kotba jiswew 10Euro.

32.8.4 Is-Sindku qal li jemmen li l-karita għandha tibda mid-dar u hu flimkien mal-LEAP qed jgħinu lil żewġ persuni mill-Qrendi. Dawn iż-żewġ persuni kienu ġew abbużati saħansitra minn membru tal-familja. Hu flimkien mal-LEAP organizzaw li dawn iż-żewġ persuni jibdew jaħdmu xogħol ta' tindif, fil-ġnien tal-Ġibjun, u dawn bil-volonta tagħhom u mhux għax qalilhom is-Sindku qed jibdew minn kmieni filgħodu u jibqgħu hemm sa xis-18:00. Huma jħossu li aħjar ikunu fil-ġnien milli fil-karavan li qed jgħixu fih bħalissa.

Is-Sindku talab l-għajnuna tal-Kunsill fuq dan il-każ. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Community Chest Fund u lill-awtorita' tad-Djar biex jgħinu f'dan il-każ.

### *32.9 Triq Wied Babu*

32.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fl-uffiċċju għadhom qed jidħlu ilmenti li jidħol l-ilma fil-*basements* tar-residenti ta' Triq Wied Babu.

Il-Kunsillier David Abdilla nforma lill-Kunsill li hu kellu laqgħa mal-Perit William Lewis fuq il-post u wara kellu ukoll laqgħa mar-residenti. Hu qal li ġie nfurmat li qabel ma sar wiċċ ġdid fit-triq, l-ilma kien jaqleb man-naħa tal-għelieqi tant li lill-bdiewa kienet tintlilhom il-ġibja wara l-ewwel xita u din is-sena ma daħlilhom kważi xejn. Minnaħa l-oħra r-residenti qalu li qabel ma saret it-triq kien jidħlilhom ftit ilma fil-*basements* tagħhom u wara li saret it-triq, qed jidħlilhom kwantita' kbira ta' ilma u qed ikollhom ħafna ħsarat. L-istess residenti tefgħu xi kulur fit-triq biex jindika fejn qed jaqleb l-ilma u dan ikkonferma dak li qed jgħidu. Hu qal li l-Perit ssuġġerixxa li jsir gutter li jiswa madwar 10,000 Euro, jew li togħla l-bankina ta' quddiem ir-residenti. Il-Kunsillier Abdilla qal li jekk togħla l-bankina, lir-residenti tibda tħokkilhom il-vettura tagħhom waqt li jdaħluha fil-garaxx.

Wara suġġeriment tal-Kunsillier David Abdilla kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob linja gwida ta' Transport Malta fuq il-każ u l-Kunsill jerġa jiddiskuti dan is-suġġett wara r-risposta ta' l-awtorita'.

### *32.10 Approvazzjoni: Xogħlijet u Servizzi*

32.10.1 Is-Sindku Ignatius Farrugia qara t-talba tas-Sojċeta' Mużikali Santa Katerina fejn qed jitolbu li l-Kunsill jgħati permess biex titwaħħal lapida f'għeluq il-150 sena mit-twelid tal-mużika taż-Żurrieq.

Is-Sindku qal li fl-ittra hemm indikat li l-kwistjoni li hu, flimkien mal-Kunsilliera Dr Claudio Zammit u Raymond Grixti għandhom mas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina hi personali u mhux fil-pużizzjoni tagħhom bħala Sindku u kunsilliera. Is-Sindku qal li dan kollu mhux minnu għax il-kwistjoni kollha bdiet meta hu u l-Kunsilliera imsemmija, 9 snin ilu ivvutaw kontra li Misraħ Repubblika jinbidel isimha. Hu żied jgħid li meta fis-seduta tal-Kunsill kienu preżenti l-President u s-Segretarju tas-Soċjeta', kienu ġew approvati l-affarijiet kollha li intalbu minbarra t-talba tal-lapida, bi ftehim li jekk is-soċjeta' titkellem waqt il-laqgħa ġenerali tagħha u tiġi bir-riżultat għand il-Kunsill, il-Kunsill ikun lest li jibda jiddiskuti l-każ tal-lapida fil-ġnien.

Is-Sindku żied jgħid li kemm hu personali u kemm il-Kunsilliera imsemmija għandhom ittra li turi li huma non grati mis-soċjeta' u dan lest li jurih. Hu żied jgħid li ma jridx li la din is-Soċjeta' u lanqas oħrajn ma jużaw lill-Kunsill u jarmuh meta jridu huma. Hu qal li għal attivitajiet fejn jinvolvu fondi, tali soċjeta' dejjem irrikorriet għall-Kunsill u f'din il-kwistjoni ma tridx tirranġa. Is-Sindku qal li l-Kunsill imexxi lir-raħal u mhux il-Każini u ta' dan għandu jkun rikonoxxut.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li filwaqt li ma jaqbilx li s-Soċjeta' m'għandix tistieden lis-Sindku u liż-żewġ kunsilliera msemmija, hu ma jħossx li talba żgħira għandha tkun nallaċjata mal-każ li qed isemmi s-Sindku. Hu qal li dawn iż-żewġ kwistjonijiet għandhom jiġu diskussa separatament għax waħda m'għandix taffetwa lill-oħra.

Is-Sindku qal li s-Soċjeta' kellha tiddiskuti l-każ waqt il-laqgħa ġenerali u jekk dan il-każ ġie diskuss, il-Kunsill ma ġiex infurmat.

Il-Kunsillier Vincent Marmara qal li meta l-Kunsiliera jieħdu vot fuq xi ħaġa, għandha tkun rispettata, għax huma telgħu jirrappreżentaw liż-Żrieraq kollha u hekk għandha tkun id-demokrazija.

Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li l-ittra mibgħutha mis-Soċjeta' hi kollha gideb u kkonferma dak li qal is-Sindku li l-kunsilliera msemmija rċevew ittra fejn tgħid li huma non grati wara li kienu vvutaw fuq l-isem tal-Misraħ, waqt seduta ta' disa' snin ilu. Hu żied jgħid li barra l-imsemmija ittra, hu rċieva diversi ittri oħra ta' tgħeddid u azzjonijiet koroh fuq il-familja kollha tiegħu. Żied jgħid li dan hu aġir ikkundannabbli u lest li jsaqsi lis-Segretarju tas-Soċjeta' fejn kien li aġixxa barra mill-kariga tiegħu

ta' kunsillier. Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li l-membri tal-kumitati li kien hemm tul dawn l-aħħar 9 snin ma kellhomx id-diċenza li javviċinawh biex jaffaċjaw is-sitwazzjoni. Il-Kunsillier Grixti qal li hu dejjem aġixxa f'isem il-Kunsill u ż-Żrieraq kollha u ma jħossx li għandu rimors għal dak li qal u d-deċiżjonijiet li ħa u li sakemm jibqa kunsillier ser jieħu. Hu żied jgħid li s-soċjeta' m'għandix 'good will' li tirranġa s-sitwazzjoni, għax kien hemm diversi sitwazzjonijiet fejn setgħa ġara dan.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li filwaqt li jikkundanna dak li qed jgħid li sar il-Kunsillier Raymond Grixti, hu lest li jaħdem biex din is-sitwazzjoni tingħalaq.

Il-Kunsillier Vincent Marmara qal li jekk il-Kunsill kollu mhux ser jingħaqad u jieħu stand, il-kunsill qatt mhu ser ikun irrispettat. Ir-rispett għandu dejjem ikun lejn il-kariga tal-individwu u d-deċiżjonijiet li jieħu dak l-individwu fil-kariga tiegħu. Hu żied jgħid li l-offiża hi lejn il-Kunsill kollu.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li hu mhux ser jidħol fil-kwistjoni li kien hemm disa' snin ilu, għax ma kienx involut u ma jistax jikkonferma dak li qed jgħidu l-Kunsilliera nvoluti. Hu qal li l-kwistjoni li għandha s-soċjeta' mal-Kunsilliera msemmija. għadha tiġi diskussa mingħajr dan il-kunsill ikun involut, u ma titħallatx mat-talba tal-lapida.

Il-Kunsillier David Abdilla qabel mal-Kunsillier Marmara u qal li l-Kunsilliera għandhom ikunu liberi fil-vot tagħhom u mhux ikunu mgħedda mir-residenti jew mill-membri tal-każini. Hu żied jgħid li l-Kunsill għandu jkun magħqud fuq din il-kwistjoni għax dan il-każ setgħa ġara bħalu lill-Kunsilliera preżenti u bil-vot li jieħdu jkunu mgħedda wkoll. Il-Kunsillier Abdilla talab li l-kunsilliera preżenti jkollhom kopja tal-minuti ta' 9 snin ilu biex ikunu infurmati aktar fuq il-każ.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li meta deċiżjoni tkun meħuda, l-Kunsill ma jistax jirrevokha qabel ma jagħddu sitt xhur. Id-deċiżjoni tal-Kunsill f'seduti preċedenti kienet li l-Kunsill jistenna r-risposta tas-Soċjeta' fuq il-każ tal-Kunsilliera li huma non grati u wara jiddiskuti l-każ tal-lapida. Din kienet id-deċiżjoni tal-Kunsill li ma tistax tkun revokata qabel ma jagħddu sitt xhur oħra. Il-Kunsillier D'Amato qal li 9 snin ilu hu kien kunsillier ukoll u jaf il-każ sew u li s-Sindku u l-Kunsilliera involuti ġew iddikjarati non grati minħabba l-vot li ħadu fuq l-isem tal-Misraħ.

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa jistieden lill-President u s-Segretarju tas-Soċjeta' waqt seduta tal-Kunsill u jiġi diskuss il-każ li għandhom mat-tliet membri tal-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għalkemm jaqbel mas-suġġeriment tas-Sindku, qal li hu mhux ser jieħu deċiżjonijiet waqt l-istess seduta.

Kien hemm qbil fuq dan.

32.10.2 Fir-rigward tat-talba l-oħra li għamlet is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina re: tħaffir ta' trinka fi Sqaq il-Ħelu biex jgħaddu cables tal-Go minn ġo fiha. Kien hemm qbil li jsiru l-proċeduri meħtiġa għall-permess tat-Transport Malta, hekk kif is-Segretarju Eżekuttiv, infurmat lis-Segretarju tal-istess Soċjeta.

32.10.3 Is-Sindku qal li fl-aħħar seduta kien ressaq proposta biex il-Kunsill jissieħeb fl-International Association of Peace Messenger Cities, li għaliha huwa wkoll imsieħeb il-Kunsill ta' Morphou u l-Kunsill aċċetta.
Issa l-Kunsill irċieva stedina għall-assembla li ssir kull sena. Din is-sena ser issir il-Greċja bejn l-10 u l-14 ta' Diċembru. Hu staqsa min kien interessat li jitla f'ismu għax minħabba impenji oħra ma setgħax. Hu qal li min ser jaċċetta li jattendi irid jgħamel preżentazzjoni fuq iż-Żurrieq. Il-ħlas tal-ikel ser ikun imħallas mill-Greċja u l-Kunsill ikun irid iħallas il-passaġġ tal-ajru li jammonta għal madwar 550 Euro u l-lodging li hu ta' 50Euro kull lejl.

Il-Kunsillier Dino Bonnici u Pierre Farrugia staqsew jekk il-Kunsill hux ser jigwadanja billi rappreżentant ikun preżenti waqt din l-assemblea u qalu li ma jħossux li l-Kunsill għandu jkun rappreżentant għax il-fondi jistgħu jintużaw għal affarijiet aktar bżonjużi.

F'dan il-punt is-Sindku qal li fi żmien il-Kunsill kien jibgħat lis-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud fuq seminars simili u qatt ma ġab xejn lura.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ma jaqbilx li għall-ewwel sena li l-Kunsill ilu membru għandu jkun rappreżentat.

Il-Kunsillier David Abdilla offra li jkun hu r-rappreżentant tal-Kunsill.

Is-suġġett jekk il-Kunsill għandux itella rappreżentant, għadda għall-vot u r-riżultat kien hekk kif ġej:
6 voti favur – is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-

Kunsilliera Vincent Marmara, Kevin Sam Farrugia u Raymond Grixti u David Abdilla.
3 voti kontra – Il-Kunsillera Dino Bonnici . Rita Bellizzi u Pierre Farrugia.
1 vot – astenzjoni – Il-Kunsillier Joseph D'Amato li ta r-raġuni tal-astenzjoni. Hu qal li fl-aħħar seduta ma ħassx li l-Kunsill għandu jkun membru f'din l-għaqda tal-paċi għax għandu r-riservi tiegħu kemm din l-għaqda qed tagħmel ġid. Hu ħass li dawn kienu kollha ħela ta' fondi li jistgħu jintużaw f'affarijiet utli għar-raħal. Imma ġaladarba l-Kunsill qabel li jkun membru, jħoss li issa l-Kunsill għandu jikkopera.

Dan is-suġġett għadda u kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta li jkun rappreżentat mill-Kunsillier David Abdilla u jġib rapport ta' dak li jkun sar.

32.10.4 Is-Sindku qal li l-frott li ingħata lit-tfal tal-iskola fl-okkażjoni ta' San Martin, irnexxielu jġibhu nofs prezz.
F'Dan il-punt is-Sindku ġie mistoqsi jekk il-Kunsill kienx infurmat meta kellha issir l-attivita' u s-Sindku wieġeb li dak inhar stess ġie kkuntatjat mill-iskrivana tal-iskola biex tinfurmah u hu ma setgħax jattendi minħabba li kien avżat f'qasir żmien u kellu impenji oħra. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb f'isem il-Kunsill u turi d-diżappunt tal-Kunsill li ma kienx infurmat u mistieden jattendi għall-attivita'.

32.10.5 Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li għalkemm l-ilment ta' inġenji kbar fi Triq Tal Ġonna tressaq fl-għassa tal-pulizija taż-Żurrieq u tressaq ukoll fil-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-ispettur, l-inġenji għadhom fit-triq b'detriment għar-residenti.

Kien hemm qbil li s-Sindku jerġa jitkellem mal-ispettur hu.

32.10.6 Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li fl-20 ta' Diċembru ser torganizza gala buffett dinner fis-Sea Bank Hotel fil-Mellieħa għall-anzjani u stiednet lill-Kunsilliera jattendu ukoll.

32.10.7 Il-Kunsilier Raymond Grixti rrapporta dawl maqtugħ fi Triq il-Belt Valletta.

32.10.8 Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill jixtri gym equipment biex jintuża mill-anzjani fid-Day Centre. Dan kollu biex il-Kunsill jippromwovi l-isports.
Kien hemm qbil li l-Kunsillier Dino Bonnici jitkellem mal-kordinatur tad-Day Centre u jġib kwotazzjonijiet ta' apparat li jista jintuża mill-anzjani.

32.10.9 Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill jissuġġerixxi isem ta' triq għas-Sur Costantino Farrugia li kien magħruf bħala Żinu u li kien rikonoxxut l-aktar għat-teatrini li kien itella. Dok 4. Mehmuż.

Kien hemm qbil ma dan is-suġġeriment.
Il-Kunsillier Raymond Grixti ssuġġerixxa lis-Sindku biex iġib write up fil-Kunsill News fuq il-ħajja tas-Sur Costantino Farrugia. Kien hemm qbil fuq dan.

32.10.10 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li l-Kunsill jibqa jinsisti li l-'Out door gym' li kien propost li jsir fiż-Żurrieq isir, anke jekk il-Kunsill ma jkollux l-għajnuna tal-Gvern.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsill fil-proġett tal-manutenzjoni tal-ġonna li ser jibda mil-budget ta' din is-sena u jitkompla mil-budget tas-sena 2015. Il-Kunsillier Joseph D'Amato fakkar fil-proġett ta' Triq Gervaze Matthew li l-Kunsill ilu jaħdem għalih għal aktar minn 3 snin.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jiffisa laqgħa mal-Onorevoli Chris Agius fuq dan ir-rigward, minħabba li l-Kunsillm'għandux fondi biżżejjed għal dan il-proġett.

32.10.11 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia qal li hemm bżonn li l-Kunsill jerġa jibgħat iffakkar lill-Transport Malta, fuq it-talba tal-Kunsill fuq is-sistema ta' parkeġġ bil-ħin f'Misraħ Repubblika.
Kien hemm qbil fuq dan.

32.10.12 Il-Kunsillier Dino Bonnici faħħar l-inizjattiva li ħadet is-Segretarju Eżekuttiv fuq l-ordnijiet tal-patching, li tieħu ritratti tal-ħsarat u tibgħathom għall-attenzjoni tal-Kunsill kollu.

32.10.13 Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa jekk l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ hux ikun infurmat bis-seduti u jekk iva javżax li mhux ser jattendi.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Ambaxxatur qed ikun infurmat imma jwieġeb li ma jistax jattendi minħabba raġunijiet ta' studju.

Kien hemm qbil li jiġi nfurmat li għandu javża bin-nuqqas tal-attendenza tiegħu permezz tal-kitba.

32.10.14 Is-Sindku staqsa meta ser tkun organizzata l-ikla tal-Milied tal-Kunsill.
Kien hemm qbil li l-ikla issir it-Tnejn 15 ta' Diċembru u wara li s-Segretarju

Eżekuttiv wriet l-menus bil-prezzijiet, kien hemm qbil li ssir f'The Palace fully inclusive għall-prezz ta' 28.95Euro għall-kull persuna.

**32.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

32.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €74,069.13.

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis- Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Rita Bellizzi.

**32.12 Data tas-seduta li jmiss.**

32.12.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-9.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Diċembru, 2014

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**